MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 04**

**It-Tlieta, 11 ta' Settembru 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 11 ta' Settembru 2024 fit-5:00 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**4.1 Talba;**

4.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-05:00 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**4.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

4.4.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**4.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

4.4.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 3.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex
Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com

**4.4** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

4.4.1 Skeda ta' hlasijiet bin-numru 03/2024 ghal perjodu ta' bejn l-14 ta' Awwissu, 2024 u l-11 ta' Settembru, 2024 li tammonta għal €11,442.16 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar.

Qabel il-punt li kien immis, il-kunsillier Horace Micallef talab permess biex jagħmel intervjent, dan kien aċċettat. Is-sur Horace Micallef xtaq isellem il-memorja tas-sur Karl Gouder li kien ex-kunsillier u ex-sindku tar-raħħal ta San Ġiljan, li dan ġie nieqes il-ġurnata ta qabel, hu xtaq ukoll iwassal il-kondoljanzi lil familjari u semma ukoll li is-sur Gouder kien ukoll kelliem għal Kunsilli Lokali.

**4.5.1** **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

4.5.1 Sportsfest kien suċċess, hu irrimarka li hemm x nistaw intejbu għas-sena li ġejja imma dan nistaw niddiskutuh fil-preparamenti tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel li tinzam throphy waħda bħala rikordju ta dan l-avveniment;

4.5.2 Fil-prezent għaddej il-kors tal-presepji, dan sejjer sew kien hemm konkorrenza tajba kien hemm aktar parteċipanti minn barra ir-raħħal imma għal-ewwel tentattiv kien tajjeb. Skond il-kunsillier Joseph Mercieca il kors seta kien aktar "hands on" izda kien xorta mezz ta tagħlim. L-iskop tagħna hu li nkomplu nibnu fuq dan il-kors u naraw hux possibli issir kors aktar prattiku fix-xhur li ġejjin. Il-kunsill qabel;

4.5.3 Kellu xi mistoqsijiet mir-residenti jekk hux se jibqa issir id-Day Centre, Is-Sindku Thomas Mizzi xtaq li issir qbil biex nipjanaw il-frekewenza u kif nistaw niproċedu f'dan ir-rigward; Ġie maqbul li naraw għadnix nistaw nibbenefikaw minn xi servizzi li joffri il-ministeru u minn naħħa tagħna nibdew billi norganizzaw attivita kull xahar. Ġie deċiz ukoll li fil prezent norganizzaw darba ħarġa u darba attivita fiċ-Ċentru filwaqt li naghtu kaz u nitkellmu mall-parroċċa biex ma nirrepetux jew norganizzaw attivitajiet fl-istess ġranet;

4.5.4 L-air conditions tas-sala twaħlu b mod temporanju u dan diġa ġew uzati waqt il-kors tal-presepji;

**4.6** **Ħarġa għal-anzjani;**

4.6.1 Ġie diskuss li tiġi organizzata ħarġa, fejn hu importanti li ikun hemm prezenza minn naħħa tal-kunsilliera. Ġie diskuss ukoll l-problema ta fejn

tista tmur għal ħarġiet bħal dawn. Waqt dan il-punt is-segretarju semma l-invit li irċivejna mid-Dar ta San Guzepp f'Għajnsielem. Dawn qed jistiednu 20 anzjan għal attivita li ser jorganizzaw fil-ġurnata iddedikata lil anzjani (1ta' Ottubru). Il-kunsill qabel li noħorġu avvizz;

**4.7 Laqgħa mall-Ministru għal-Għawdex**

4.7.1 Is-Sindku semma il-punt li hu qed jitlob laqgħa mal-ministru ikonċernat, fil-prezent intbghatu zewġ emails izda għadna ma irċiverjnix risposta. Meta tkun ikonfermata id-data nerġaw nitkellmu ħalli flimkien infasslu aġenda ta punti li tajjeb li wieħed jiddiskuti, għalhekk l-membri huma mitluba iresqu bejn tliet u ħames punti li wara nikonsolidawhom biex imorru ipreparati sew;

**4.8 Armar tal-Milied**

4.8.1 Ġiet ipprezentata l-stima mill-Għaqda tal-Armar flimkien mad-disin propost. Wara diskussjoni ġie deċiz li nistaqsu lil-għaqda biex għal istess prezz ikwotat tiġi armata Triq tal-Għajn mit-tomba sal-knisja;

**4.9 Winefest**

4.9.1 Għal avveniment kelna biss zewġ risposti bi stimi għal-minibuses tal-"Park and Ride", ġie deċiz li jintuzaw il-United u nikonfermaw zewg minibuses;

**4.10 Quarterly Reports Q2**

4.10.1 Is-Segretarju Ezekutiv ipprezentat lill-Kunsill kopja tal- *Quarterly Financial Report* għall-perjodu April – Ġunju 2024 kif kien ippreparat mill- *accountant* tal-Kunsill. Dan ġie approvat mill-Kunsill;

**4.11 Korrispondenza, ilmenti/suggerimenti**

4.11.1 F'korrispondenza il-kunsill irċieva *email* minngħand Celestina Sciberras fejn ilmentat li għandha problema bl-ilma tax-xita ġo Sqaq L-Andar għaliex ma hemmx *drain* fejn imur dan l-ilma. Mrs Sciberras qed titlob lil kunsill biex jagħmel *water culvert* li iwassal l-ilma tax-xita sa Triq il-Għajn. Fil-prezent il-kunsill għadu qed jaħdem biex jakwista konferma u informazzjoni minn l-awtoritajiet dwar lis- sqaqien fil-lokalita biex ikollu bil-miktub u b'mod uffiċjali liema minn dawn huma privati, taħt ir-responsabilita tagħna, etc;

4.11.2 Is-Segretarju xtaq jinfroma lil membri li għadu kif irċieva cheque ta rimbors bl-amont ta €80.64 mill-AKL. Dan iċ-cekk kien ikopri refuzjoni tal-Health Policy mgħotija lil membri tat-tmien leġislatura;

4.11.3 Korrispondenza dwar il- *Blue Heart Campaign,* din kienet għax-xahar ta' Lulju izda ittieħdet l-opportunita biex jiġi diskuss fejn jinxtgħel f' sitwazzjonijiet bħal dawn perezz li maul is-sena nirċievu diversi korrispondenza biex nuru is-sosten tagħna. Ġie ikonfermat li nistaw nixgħelu l-Għajn jew d-dawl ta quddiem l-uffiċju;

4.11.4 Is-Segretarju talbet appoloġija lil membri għaliex fil-laqgħa li għaddiet kien deċiz li nistiednu lil ex-sindku, is-sur Saviour Borġ u lil awtur tal-ktieb, is-sur Mario Saliba biex jingħataw l-ewwel kopji tal-ktieb izda meta ftakret kien tard wisq biex jintgħatu l-inviti. L-membri aċċettaw l-aoploġija u ikonfermaw li nistiednuhom għall-laqgħa li jmiss;

4.11.5 Be the Water Change bgħat *kits* li kien għad baqa fit-tmiem tal-kampanja lil kull kunsill, dawn irridu jiġu mqassma lir-residenti. Aktar informazzjoni trid taslilna u nimxu mal-liji gwida mgħotija;

4.11.6 L-uffiċċju waslu ilmenti li f' Wied Siekel qed ikun hemm amont ta ħmieġ tal-klieb. Il-kunsill qabel li hekk kif jaslu is-sinjali inwaħħlu waħda hemmhekk u naraw titjibx is-sitwazzjoni;

4.11.7 Illum is-Sindku flimkien mas-Segretarju attendew *Training Session in Project Development and Writing* li ġiet organizzata minn Servizzi Ewropej Malta;

4.11.8 Ġiet ukoll imsemmija l-*email* mibgħuta minngħand Mr. Micheal Angelo Muscat fejn talab lil kunsill biex jara hux interessat li jisponsorja kunċert tal-Milied. Il-kunsill qabel li hu jipreferi li dawn il-flus jintuzaw biex ngħinu lill-kantanti/gruppi mir-raħal;

4.11.9 Ir-Reading Club International bgħat proposta li qed jagħmlu lill-kunsilli biex jibdew jagħmlu *Literacy Programs* Il-kunsill qabel li jikseb aktar informazzjoni;

4.11.10 Il-Viċi Sindku, Ivana Mizzi semmiet li kellha ilment fuq ħaxix ħazin fuq il-bejt tal-Għajn, u kien hemm talba għal double yellow line quddiem il-Għajn. Fuq l-ħaxix fil-prezent il-ħaddiem kien qed jagħmel din it-tindifa u dwar id-double yellow line, il-kunsillier Horace Micallef semma li hemmhekk hemm suppost hemm solid white line li hu aktar b'saħħtu minn double yellow line;

4.11.11 Il-Viċi Sindku resqet ukoll l-ilemt li rċiviet dwar l-istatwa ta fuq il-Għajn, qalet li din għanda bzonn dawra. Il-kunsillier Joseph Mercieca semma il-fatt li l-ħaddiem tal-kunsill vera għamel biċċa xogħol tajba fit-tindif tal-istatwa u faħħar ix-xogħol u il-fatt li ħa ħsieb ix-xemgħa;

4.11.12 Ilment ieħor li resqet il-Viċi Sindku kien dwar ħġiega ta fanal fi Squq il-fuq minn ta' Ġiolina, din qed tperper u hi ta periklu;

4.11.13 Il-Kunsillier Joseph Mercieca xtaq jiproponi ħarġa għall familja f'Malta. Hu semma l-possibilita li imorru l-Belt Valletta u wara bid-dagħjsa imorru sal-Kalkara fejn inzuru L-Esplora u Shoreline. Hu ipropona li issir il-Ħadd għal nofs Ottubru. Il-kunsilliera qablu li nagħmluha f'Diċembru;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**4.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-06:08 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru, 2024 fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 15 ta' Ottubru 24

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA